MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2/2003

**Tabria Company Limited**

**Vs**

**Victor Camilleri**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm1188.46 (elf u mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu) dovuti bhala kera ghal fond numru 1, Ta' Xbiex Wharf, Ta' Xbiex mikri lil konvenut bi skrittura privata datata 19 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Ottubru 2001 u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fl-14 ta' Jannar 2004 u naqas li jidher u lanqas meta gew ipprezentati l-kapitoli fid-19 ta' Jannar 2004 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------